# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2000**

**Numru 23**

**Citaz. numru 515/95 DS**

Joseph sive Beppe Rizzo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Middle Sea Insurance Company Limited kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` kummercjali CAM Trading Limited
vs
Ronald Naudi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Unispeed Shipping and Forwarding Limited u dina bhala agenti tas-socjeta` estera Ricolfi Shipping srl ta' Milan l-Italja

Illum, 14 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' April 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

illi s-socjeta' CAM Trading Limited importat

talab lil din il-Qorti:

….;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

(a fol. 12) ….;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda konsenja ta' erbgha u ghoxrin printer li kellhom jigu importati mill-Italja f'April 1994 fuq il-vapur NORASIA MELITA mis-socjeta` importatrici CAM Trading Ltd. Billi minn din il-konsenja gew "short-delivered" sebgha minnhom, is-socjeta` assikuratrici attrici kellha thallas lis-socjeta` importatrici s-somma ta' Lm952.42. Ghalhekk issa s-socjeta` assikuratrici qed titlob hlas ta' dan l-ammont minghand is-socjeta` konvenuta li ssostni kienet responsabbli ghal tali nuqqas. Il-konvenut nomine jghid li s-socjeta` konvenuta mhix responsabbli.

F'din il-kawza ressaq provi biss l-attur nomine u anke dawn huma pjuttost skarsi.

Mid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur nomine annessa mac-citazzjoni jidher li l-printers waslu Malta go container issigillat u meta dan infetah fil-prezenza ta' l-importatur fid-19 ta' April 1994 fil-bonded stores ta' Pinto Annex, instab illi sebgha mill-erbgha u ghoxrin printer kienu nieqsa. Huwa jirreferi ghall-"Gate Pass-Out" mnejn pero` jirrizulta biss li gew rilaxxati 12 "packages" u li pallet minnhom kien fiha "6 ctn". Pero` fis-seduta li nzammet fis-6 ta' Marzu 1997 quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. M'Dolores Gauci, xehed David Demarco, financial controller mas-socjeta` CAM Trading Ltd, li kkonferma li sin is-socjeta` kienet irceviet Lm952.42 ghal dawn ix-"shortages": tlieta JP450 printers, wahda JP250 printer, tnejn JP150WS printers, u wahda 3MD309M automatic sheet feeder. Dan ghalhekk ifisser li kien hemm sitt printers neqsin u mhux sebgha. Jibqa' l-fatt pero` li kien hemm seba' oggetti neqsin relatati mal-"computers". Il-polza ta' kariku (Dok. A) tiddeskrivi l-merkanzija bhala "accessories for office machines". U l-printers u sheet feeder huma fil-fatt "accessories" ghall-"computers". Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex taghti wisq konsiderazzjoni ghall-fatt li fl-att ta'

citazzjoni l-oggetti nieqsa gew kollha deskritti bhala “printers”. Wara kollox kienet konsenja wahda u kien hemm seba’ oggetti neqsin.

L-attur nomine jghid ukoll fid-dikjarazzjoni tieghu li s-socjeta` konvenuta estera Ricolfi srl kellha l-inkarigu twassal il-merkanzija mill-mahzen ta’ l-esportatur, Ing. C. Olivetti & C., S.p.A., sal-mahzen ta’ Ricolfi stess f’Milan. Hemm hekk il-merkanzija tqieghdet f’container u ntbaghtet Verona fejn il-container kompla jimtela’ b’merkanzija ohra u l-container ittiehed Venezja fejn gie ssigillat u tqieghed fuq il-vapur imsemmi ghal Malta. Huwa esebixxa kopja ta’ fax minghand ir-Ricolfi (Dok. C a fol. 7) in sostenn ta’ dan.

Sostanzjalment il-Qorti taqbel ma’ dak li qal l-attur nomine salv li mill-ittra msemmija ma jirrizultax li s-socjeta` Ricolfi gabret il-merkanzija minghand l-esportatur hi peress li fil-fax imsemmi hemm miktub li “the goods was delivered to our depot”. Jidher ghalhekk li kien l-esportatur stess li kkonsenja l-merkanzija fil-mahzen tas-socjeta` konvenuta. Barra minn hekk, filwaqt li l-attur nomine jghid li l-container gie ssigillat f’Venezja, dan ma jirrizultax mill-fax. Izda zgur jirrizulta li sakemm il-container ittiehed Verona kien ghadu mhux issigillat ghax mar Verona “to complete the load”.

Sakemm il-container wasal Malta m’hemmx dubju li r-responsabbilta` kienet tas-socjeta` estera konvenuta biex tassigura li l-merkanzija tasal intatta. Mill-fax stess jirrizulta li l-merkanzija waslet ghandha u n-nuqqasijiet sehhew waqt li kienet taht il-kustodja taghha waqt id-diversi tragitti li ghamel il-container, f’partijiet minnhom zgur minghajr ma kien issigillat.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur nomine jsostni li l-container issigillat infetah Malta fil-prezenza ta’ l-importatur u hemm instab in-nuqqas. L-attur nomine ma ressaqx rapprezentant ta’ l-importatur in korroborazzjoni ta’ dan. Izda mill-banda l-ohra din id-dikjarazzjoni guramentata ma giet kontradetta minn l-ebda prova ohra. Il-konvenut nomine llimita ruhu biex ighid li s-socjeta` konvenuta mhijiex responsabbli ghan-nuqqas, u ghalkemm fid-dikjarzzjoni guramentata tieghu rrizerva l-pozizzjoni tieghu dwar l-ewwel u t-tieni paragrafi tad-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine u kkontesta l-paragrafi l-ohra tad-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine, ma ressaq l-ebda prova biex jaghti r-ragunijiet ghall-kontestazzjoni tieghu.

Mid-Dok. D (a fol. 8) jirrizulta li s-socjeta` importatrici thallset is-somma ta’ Lm952.42 in soddisfazzjon tal-“claim” taghha u ssurrogat lis-socjeta` attrici fid-drittijiet taghha.

F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta nomine biex tithallas is-somma ta’ Lm952.42 in linea ta’ danni hi gustifikata.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi bili tichad l-eccezzjoni tal-konvenut nomine, tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur nomine u

(1) tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghan-nuqqasijiet sofferti mis-socjeta` CAM Trading Ltd, u
(2) tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ Lm952.42 bl-imghax kif mitlub.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Lulju 2000**

**Numru 60**

**Citaz. numru 707/95 DS**

George u Joyce konjugi Sladden

vs

Massimo Eminyan

Illum, 14 ta' Lulju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Mejju 1995 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-konvenut inkariga lill-attur b'appalt sabiex jaghmel xogholijiet ta' kostruzzzjoni u xoghol iehor fil-konverzjoni ta' razzett f'abitazzjoni f'Naxxar Road, Gharghur, propjeta tal-konvenut, kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-attur ippresta l-opera tieghu u lesta x-xoghol in kwistjoni;

Illi originarjament ma kien sar ebda ftehim bejn il-kontendenti dwar il-prezz tal-appalt u ghalhekk kollox irid jitqies b'rati kummercjali vigenti.

Illi l-Perit inkarigat mill-attur, AIC Carmel Cacopardo kejjel ix-xoghol maghmul mill-attur u iccertifika li s-somma dovuta milll-konvenut lill-atturi hi ta' Lm15,754.

Illi l-konvenut hallas xi akkonti lill-atturi totalizzanti Lm5,000 izda qed jirrifjuta ingustament li jhallas il-bilanc dovut ta' Lm10,754;

talbu lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef, seba' mija u erba u hamsin lira Maltin (Lm10,754) ghar-ragunijiet fuq migjuba;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 960/95, bl-imghax minn notifika tac-citazzjoni u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi ghaliex:

a. Ix-xoghol tal-attur gie stmat fl-ammont globali ta' Lm13,635.39 u dana skond kontijiet mahruga mill-Perit tal-konvenut Stephen Mangion li ssorvelja x-xoghol in kwistjoni, liema kontijiet qeghdin jigu hawn annessi bhala dokumenti "B" u "C";

b. Mill-imsemmija somma ta' Lm13,635.39, il-konvenut hallas l-ammont ta' Lm8,000 u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti "D", "E", "F", "G" u "H" u ghalhekk il-bilanc realment dovut huwa ta' Lm5,635.39 u mhux kif mitlub fic-citazzjoni.

2. Illi, x-xoghol mhux veru tlesta, kif allegat fic-citazzjoni izda twaqqaf u huwa parzjalment difettuz u ghalhekk l-esponent jirriserva d-dritt illi jiehu l-passi relattivi f'dan ir-rigward.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta’ l-20 ta’ Novembru 1995 fejn gie nominat l-A.I.C. M’Angelo Refalo bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Novembru 1996 fejn, fuq talba ta’ l-atturi permezz ta-rikors taghhom tad-29 ta’ Jannar 1996, gie nominat Joseph Gaffiero bhala espert kalligrafu;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-A.I.C. M’Angelo Refalo minnu mahlufa fit-3 ta’ Lulju 1998;

Rat ir-relazzjoni ta’ Joseph Gaffiero minnu mahlufa fil-25 ta’ Ottubru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien inkariga lill-attur biex jaghmillu xoghlijiet ta’ “conversion”, inkluz zidiet u alterazzjonijiet strutturali, f’razzett proprjeta` tieghu fil-Gharghur taht id-direzzjoni ta’ l-A.I.C. Stephen Mangion. Din il-vertenza nqalghet peress li l-partijiet mhumiex jaqblu fuq l-ammont li hu dovut lill-atturi, kemm minhabba li m’hemmx qbil dwar il-kont inniffsu – l-atturi jippretendu li jithallsu a bazi ta’ kont rilaxxat mill-A.I.C. Carmel Cacopardo filwaqt li l-konvenut jippretendi li jhallas a bazi ta’ kont u iehor rivedut rilaxxati mill-A.I.C. Stephen Mangion – kif ukoll peress li l-partijiet lanqas jaqblu dwar l-akkonti li thallsu.

Il-perit tekniku, apparti l-konsiderazzjonijiet tieghu u kunteggi biex stabilixxa s-somma li a bazi taghha l-atturi ghandhom jithallsu, ikummenta wkoll dwar it-tieni eccezzjoni fejn il-konvenut ighid li mhux veru li x-xoghol tlesta izda twaqqaf u huwa parzjalment difettuz. Huwa fil-fatt jaghmel referenza ghax-xiehda tal-konvenut stess in kontro-ezami fejn qal li dwar xoghol m’ghandux ilmenti eccetto ghall-prezz u li ma rrizultalux li l-konvenut qieghed jinsisti dwar il-ftit xoghol li ma sarx. F’dar-rigward pero` l-Qorti m’ghandha ghalfejn taghmel l-ebda konsiderazzjoni peress li l-eccezzjoni in kwistjoni hija effettivament rizerva li ghamel il-konvenut ghad-dritt tieghu biex jiehu passi gudizzjarji kontra l-atturi fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma f’dan il-paragrafu.

Ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tezamina l-konkluzjonijiet tal-perit tekniku dwar il-kont.

Jirrizulta li hemm diversi items li dwarhom il-partijiet qablu. Difatti dawn jinsabu elenkati fil-paragrafu numru 44 tar-rapport tal-perit tekniku u jammontaw ghal Lm6252.77. Kien hemm ukoll xi items li l-partijiet qablu dwar ir-rata u ma qablux dwar il-kwantita`. Ghalhekk il-perit tekniku, a bazi tal-kejl li huwa stess ha fil-prezenza tal-partijiet, wasal ghas-somma ta’ Lm934.07 dwar l-items indikati fil-paragrafu numru 45 tar-relazzjoni tieghu. Finalment kien hemm sensiela ta’ items li dwarhom il-partijiet ma qablux dwar ir-rata li bihom inhadmu mill-periti rispettivi tal-kontro-parti, qablu jew ma qablux dwar il-kwantita`. Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafu numru 46 tar-relazzjoni peritali u ghall-konsiderazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku dwar kull item u li a bazi ta’ hekk wasal ghas-somma komplessiva ulterjuri ta’ Lm7006.97.

Konsegwentement, filwaqt li l-atturi ppretendew li s-somma totali li kienet dovuta mill-konvenut kellha tkun ta’ Lm15754 u l-konvenut li s-somma kellha tkun ta’ Lm13635.39, il-perit tekniku wasal ghas-somma totali finali ta’ **Lm14193.81**.

Dwar din il-figura li wasal ghaliha l-perit tekniku hadd mill-partijiet ma kkummenta. Minn ezami tar-rapport peritali u tad-dokumenti esibiti mill-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-perit tekniku ghamel apprezzament car u tajjeb tal-provi u, fl-assenza ta’ xi kontestazzjoni mill-partijiet, il-konkluzjoni tieghu qed tigi adottata u qed jigi dikjarat li s-somma dovuta mill-konvenut, qabel ma jitnaqqsu l-akkonti li diga` hallas, lill-atturi ghax-xoghol li wettaq l-attur qed tigi fissata fis-somma ta’ Lm14193.81.

Jibqa' ghalhekk biex tigi kkunsidrata l-kwistjoni dwar l-akkonti li thallsu.

L-attur xehed li matul ix-xoghol il-konvenut ghaddielu hames akkonti ta' Lm1000 il-wiehed, dejjem b'cekk. Qatt ma ffirma xi rcevuta. Kull ma ffirma c-cekkijiet meta sarrafhom. Huwa nnega li l-ircevuti li taghhom giet esebita kopja fotostatika mill-konvenut (a fol. 19) ffirmahom hu. Il-kotba zzommhomlu l-mara tieghu.

Fil-fatt xehdet ukoll l-attrici li qalet li zewgha ma jafx jikteb u ghalhekk izzommlu l-kotba hi. Ighidilha kemm ikun thallas u minghand min u tiddistingwi jekk ikunx thallas kontanti jew cekk. Zewgha jiddepozita c-cekkijiet. Hija esebiet bhala Dok. PT4 kopja tal-pagna fir-registru li tirrigwarda l-konvenut. Minn hemm fil-fatt jirrizultaw hames pagamenti ta' elf lira kull pagament u li saru permezz ta' cekkijiet. Hija qalet li m'ghandhiex ktieb stampat ghall-ircevuti u li zewgha qatt ma ghaddhielha flus li dwarhom qallha li kien tahomlu l-konvenut. Il-pagamenti jsiru biss lil zewgha. Meta giet m urija l-ircevuti a fol. 19 sostniet li l-firem mhumiex ta' zewgha.

Il-konvenut mill-banda l-ohra kkonferma li huwa hallas b'kollox Lm8000 lill-attur peremezz ta' hames cekkijiet u tliet pagamenti skond id-dokumenti minnu esebiti.

L-ircevuti in kwistjoni datati rispettivament 23 ta' Novembru 1994, 9 ta' Dicembru 1994 u 17 ta' Jannar 1995 gew ezaminati mill-espert kalligrafu Joseph Gaffiero. Huwa pparaguna l-firem fuq dawn l-ircevuti mal-firem fuq ic-cekkijiet kif ukoll ma' ghaxar kampjuni tal-firma li l-attur gie mitlub jaghti mill-imsemmi espert. Mill-karatteristici komuni li sab huwa

wasal ghall-konkluzjoni, u dan sostnieh "bil-qawwa kollha", li l-firem fuq l-ircevuti mhumiex foloz u li huma ta' l-istess George Sladden.

Wara li l-espert kalligrafu halef ir-rapport tieghu, ma kien hamm l-ebda reazzjoni mill-partijiet hlief li kien ser isir tentattiv ta' transazzjoni li, pero`, baqa' ma sehhx.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni biex ma takkoljix fl-intier ukoll ir-relazzjoni tal-espert kalligrafu u l-konkluzjoni minnu raggunta.

Konsegwentement, stabbilit li l-konvenut ghandu jhallas lill-atturi a bazi tas-somma fuq iffissata ta' Lm14193.81, minn din is-somma ghandha titnaqqas is-somma totali ta' Lm8000 rapprezentanti pagamenti akkont li saru. Ghalhekk il-bilanc dovut lill-atturi huwa ta' Lm6193.81.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm6193.81 bl-imghax kif mitlub.

Bl-ispejjez tar-rapport ta' l-espert kalligrafu li jithallsu fl-intier mill-atturi u bl-ispejjez l-ohra tal-kawza li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**